MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 158/1999/1

**Joseph Mangion**

**vs**

**Reverendu Noel Grima bhala editur tal-gurnal 'The Malta Independent'**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Jannar 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi l-konvenut Reverendu Noel Grima huwa l-editur tal-gurnal "The Malta Independent" u ghaldaqstant huwa wkoll responsabbli ghall-artiklu intestat "Commissioner holds fire on 'visionary' Sergeant" li gie ppublikat f' pagna sitta (6) tal-harga tal-5 ta' Jannar 1999 ta' l-imsemmi gurnal (anness u mmarkat bhala Dok. A).

Illi l-imsemmi artiklu jallega u jaghti l-impressjoni li l-attur kien gie akkuzat u misjub hati ta' spergur u li bhalissa ghaddejjin proceduri kriminali kontra l-attur, liema allegazzjoni hija ghal kollox inveritiera.

Illi ghalhekk l-imsemmi artiklu attribwixxa fatti determinati fil-konfront ta' l-attur li huma inveritieri u li ghandhom l-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku.

Illi l-attur hassu ingurjat u offiz u ghalhekk ghandu d-dritt ghad-danni kontemplati fl-artiklu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-artiklu intestat "Commissioner holds fire on 'visionary' Sergeant" ippublikat f'pagna sitta (6) tal-harga tal-5 ta' Jannar 1999 tal-gurnal *The Malta Independent.*

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur minhabba li l-artiklu fuq imsemmi huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku.

3. Tillikwida s-somma dovuta lill-attur *ai termini* ta' l-artiklu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) minhabba l-istess malafama.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Rev. Noel Grima fil-kwalita` tieghu premessa datata 18 ta' Awwissu 1999 (fol 9) fejn espona : -

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma bla bazi u nfondati fil-fatt u fid-dritt. Ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi l-fatti attribwiti huma sostanzjalment veri ghaliex fil-guri 'Repubblika ta' Malta vs. Dr. Lawrence Pullicino' rrizulta li l-attur garr il-kadavru ta' Nardu Debono mil-Lock-up tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn inqatel, ghabbih f'karozza u mar iddispona minnu fil-Wied tac-Cawsli, Har-Qormi. Barra dan, l-attur kien xehed li ra lil Nardu Debono miexi barra t-triq fil-hin meta Nardu Debono kien gia' nqatel. Kien il-Prosekutur Pubbliku Dr. Vincent DeGaetano, illum l-Onorevoli Mhallef Vincent DeGaetano, li gustament sejjahlu 'vizjonarju'.

3. Skont l-art. 239 tal-Kodici Kriminali, li tahbi kadavru ta' persuna huwa reat. Skont l-art. 110 K.K. kull min johloq provi foloz jikkommetti reat. Skont l-art. 111(2) K.K. li xjentement tissopprimi jew tbiddel it-tracci jew indizji ta' reat jikkostitwixxi reat. Skont l-art. 104 K.K, li tixhed falz huwa reat. Skont l-art. 141 K.K, li pulizija jaghmel reat li jkun fid-dmir li jimpedixxi milli jsir jammonta ghal reat.

4. Ghalhekk, kienet l-imgieba tal-attur li offendiet l-unur u l-fama tieghu u mmenomat ir-reputazzjoni tieghu, u mhux dak li gie ppubblikat dwaru bhala ufficjal pubbliku.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2001 (fol 29) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, billi il-kawza miexja mal-kawza Nru 157/1999, baqghet differita ghad-29 ta' Ottubru 2011.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tal-14 ta' Dicembru 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Billi din il-kawza qed tistenna l-ezitu tal-kawza numru 157/99JRM fuq il-lista tallum; il-kawza giet differita ghas-

26 ta' April 2007; u l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b' Ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-Hamis 28 ta' Novembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din il-kawza hija miexja ma' kawza ohra fl-ismijiet "***Joseph Mangion -v- Anthony Manduca et.***" (citazz. 157/99 LSO) li giet deciza minn din il-Qorti llum stess.

L-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut fil-kwalita` tieghu ta' editur ta malafama permezz ta' artikolu ppubblikat minnhom fil-gurnal "*The Malta Independent*" fil-harga tat-5 ta' Jannar 1999 bit-titolu intestat "*Commissioner hold fire on 'visionary' sergeant*" f'pagna sitta (6) tal-harga imsemmija. L-attur ghalhekk qed jitlob li l-konvenut jkun ikkundannat ihallsu somma li tigi determinata *in linea* ta' danni u riparazzjoni ghal-libell u malafama li jesponih ghad-disprezz u redikolu tal-pubbliku.

Dawn it-talbiet gew ikkontestati mill-konvenut li jsostni li l-fatti attribwiti huma sostanzjalment veri u ghamel referenza ghall-provi prodotti fil-kawza *Repubblika ta' Malta -v- Dr. Lawrence Pullicino* minn fejn irrizulta li l-attur garr il-kadavru ta' Nardu Debono mill-*lock up* tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fejn inqatel, ghabbieh fil-karrozza u mar iddispona minnu fil-Wied il-Cawsli Hal-Qormi. Kien il-Prosekutur Pubbliku llum l-Onorevoli Mhallef Vincent Degaetano li sejjahlu "*vizjonarju.*"

Il-konvenut jghid li kienet l-imgieba tal-attur li offendiet l-unur u l-fama tieghu u ccita diversi dispozizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jaghmlu reat kull min johloq provi foloz (Art 110); kull min xjentement jissopprimi jew ibiddel it-tracci jew indizji ta' reat (Art 111(2); kull min jixhed falz (Art 104); jekk pulizija jaghmel reat li hu fid-dmir tieghu li jimpedixxi (Art. 141).

**<u>Provi Prodotti</u>**

Xehed **il-Konvenut Rev. Noel Grima**[1] u spjega li dan l-artikolu gie ppubblikat in segwitu ghall-artikolu iehor mahrug fil-gurnal "*Malta Independent on Sunday". "Dan il-kaz kien holoq certu skalpore fil-pajjiz, niftakru bhal ma tiftakru l-maggor parti tal-popolazzjoni pero` tiftakar il-krudilta' ta' certi aspetti tal-kaz, u meta gie sottomess ...jiena rajt li kien qed jirrifletti, kien qed jirreferi ghall-grajja li kienet grat certu ammont ta' snin qabel, il-proceduri fil-Qorti li kienu mbaghad succedew, u rajt li l-artikolu kien qed jirrifletti s-sitwazzjoni vera ta' din il-persuna."*

L-attur kien issejjah vizjonarju ghall-fatt li l-attur kien xehed li ra lil Nardu Debono ghaddej barra meta wara rrizulta li kien diga` mejjet. Qal li "*dan il-fatt kienet harget fil-pubbliku matul is-snin minn meta grat il-kawza sa wara."* Deherlu li kien a konoxxenza wkoll fiz-zmien il-pubblikazzjoni li l-attur kien dak li kien ghabba lil Nardu Debono gol-*booth* tal-karrozza. "*Dik kienet parti wahda minn...ta' eventi li graw."*

**In kontro-ezami** spjega li l-artikolu in kwistjoni kien *follow-up* ghall-artikolu li diga` deher.

Il-kelma *visionary* tpoggiet fi *quotes* ghaliex giet uzata minn xi hadd, f'dan il-kaz intuzat fil-kuntest kollu tad-dibattitu li kien hemm fil-Qorti. Irrizultalu li l-kelma giet uzata f'xi mument waqt il-proceduri tal-Qorti. Din il-kelma ma tnizzlitx fis-sentenza u setghet intuzat bhala *aside.*

[1] Xhieda a fol. 15 et.seq. tal-process.

Riferibbilment ghall-parti tal-Artikolu li jghid "*criminal procedures were concluded in August*" qal li dan irrizulta lill-artikolist minn dak li qalulu s-sorsi tieghu.

Qal b'riferenza ghall-frazi "*found guilty*" li "*nahseb li fic-cirkostanzi kollha kienet xi haga li ma hijiex preciza hemmhekk, ..... Forsi li tghid li l-Qorti ma tatx kredibbilta` lill-verzjoni tieghu hija hafna iktar preciza in vista tal-fatti kollha milli tghid "he was found guilty."*"

Qabel li l-attur ma kienx instab hati ta' proceduri kriminali imma sostna li "*s-sens tal-artikolu u tal-kelma li giet uzata ma kienx daqshekk preciz f'sens tekniku illi dan instab hati.*"

**<u>Provi Prodotti fl-Atti tal-Kawza konnessa 157/99 LSO</u>**

Din il-kawza hija konnessa fil-mertu ma' kawza ohra fl-ismijiet "***Joseph Mangion -v- Anthony Manduca et"* (Citazz. 157/99 LSO)** deciza llum stess. Ghalkemm l-artikolu odjern m'huwiex kopja tal-artikolu mertu tal-kawza citata, hija indubbjament konnessa fil-kuntest u kontenut tieghu in kwantu t-tnejn uzaw il-kelma "*visionary*" fil-konfront tal-attur, u fit-tnejn insibu dikjarazzjoni li l-attur kien gie misjub hati ta' spergur.

**L-attur Joseph Mangion** xehed estensivament fl-atti tal-kawza l-ohra[2] u kkonferma li kien ta x-xhieda tieghu waqt il-guri tal-qtil ta' Nardu Debono u dan ghamlu wara li gie mwissi li seta' jaghzel li ma jwegibx xi mistqosijiet li bihom seta' jinkrimina ruhu.

Muri l-artikolu ppubblikat fil-"*Malta Independent on Sunday*" qal "*jiena nghid li nhossni li gejt malafamat .. wara li qrajt l-artikolu kollu qieghed nimmarka l-frazi* "*found guilty of perjury.*" (fol.55 fejn il-kliem imsemmija huma sottolinejati bl-ahmar fil kaz 157/99LSO). Mistoqsi dwar jekk kienx xehed li ra lil Nardu Debono hdejn il-fabbrika tal-Coca Cola, u jekk kienx ra lil xi hadd jghabbi l-gisem ta' Nardu Debono u mistoqsijiet ohra simili wiegeb li

[2] Xhieda a fol.54 et.seq.tal-process 157/99.

ma setax jiftakar dak li xehed quddiem il-guri u qal li x-xhieda tieghu kienet dokumentata.

In segwitu giet esebita kopja tad-deposizzjoni tal-attur moghtija fil-kawza "*Ir-Repubbblika ta' Malta -v- Dr. Lawrence Pullicino*"(Att ta' Akkuza 7/89) fil-guri. (**DOK A)** li jinkludi ukoll traskrizzjoni tax-xhieda li ta fl-inkjesta Magisterjali.[3]

Mix-xhieda li ta l-attur fis-seduta tal-31 ta' Lulju 1980 waqt l-inkjesta (fol 64) jirrizulta li xehed li fil-lejl ta' bejn it-Tlieta 29 ta' Lulju 1980 u l-Erbgha 30 ta' Lulju ghall-habta ta' nofsillejl, waqt li kien ghaddej bil-karrozza tieghu lejn id-direzzjoni ta' Hal-Qormi, x'hin wasal hdejn ic-Central Supplies Treasury Department fejn il-fabbrika tal-Pepsi fil-limiti ta' Hal-Qormi "*fuq ix-xellug tat-triq kif kont sejjer ilmaht ragel miexi fid-direzzjoni lejn Hal-Qormi. Jien naqqast l-ispeed tal-karrozza tieghi u dak ir-ragel waqaf ftit u hares lejja u jien dak il-hin gharaftu bhala Leonard Debono."* Qal li kien jaf lil Debono peress li kien ilu zmien stazzjonat fl-ghassa ta' Hal Kirkop. Irraporta dan il-fatt lill-Ispettur Psaila biss l-ghada meta dahal id-Depot ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu u sar jaf li kienu sabu lil Debono mejjet.

Rega' gie konfrontat b'dak li xehed quddiem il-Magistrat inkwirenti fil-25 ta' Awwissu 1980 fejn iddeskriva l-pass ta' Nardu Debono meta rah mixi bhala "*pass normali li jimxi bih bhas soltu, la kien qed jghaggel u lanqas miexi bil-lajma...ma kienx qed izappap...ma kienx jaf li kien imfittex mill-pulizija."*

Mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' Mangion waqt il-guri, (fol 68 et seq), fuq mistoqsija tal-gurati qal li meta rritorna d-dar dakinhar (29 ta' Lulju 1980) ghal xi l-hdax - nofsillejl "*Jiena u gej lura niezel min-naha ta' Birkirkara lejn il-Marsa, lejn il-fabbrika tal-Pepsi, deherli li rajt lil Nardu Debono miexi fuq ix-xellug tat-triq."*

---

[3] Esebit a fol. 58 sa 136 tal-process 157/99.

Sussegwentement spjega, ukoll fix-xhieda tieghu waqt il-guri, li kien basar li l-persuna li kien ra bilqeghda fil-kamra minn fejn sema' hafna ghajjat kien Nardu Debono ghaliex kien sema' li kienu qeghdin jinterrogawh. Meta rah f'Hal-Qormi skont ix-xhieda tieghu moghti waqt il-guri, kienu ghaddew biss xi tliet sieghat minn meta sema' l-ghajjat izda qal li wara li rah Hal-Qormi mar id-dar u ma rraporta xejn allavolja kien jaf li Debono kien qed jigi interrogat dwar attentat b'bomba.

Gie mistoqsi ghaliex lill-Magistrat fl-inkjesta ma qallux li dakinhar, xi sieghat qabel, kien rah id-Depot fl-ufficcju ta' Nestu  Spiteri u li sema' l-ghajjat, wiegeb li dan kien ghax il-Magistrat ma saqsiehx x'ra d-Depot ghalkemm ikkonferma li kien jaf li l-inkjesta kienet qed issir dwar il-mewt ta' Nardu Debono. Qal li "*fl-1987 imbaghad xehedt kollox."*

Fil-kawza 157/99 xehed ukoll **l-On. Mhallef Vincent Degaetano** li kien il-Prosekutur Pubbliku fil-guri tal-qtil ta' Nardu Debono - **"*Ir-Repubbblika v Lawrence Pullicino”*** u qal li b'riferenza ghall-kelma "*vizjonarju*" li uza qal li "*Dak li kienet qed tipprova l-Prosekuzzjoni kien li Mangion ma setax ra lil Nardu Debono haj ghaliex skont il-provi fil-hin li suppost kien qed jarah haj dan Nardu Debono kien diga` mejjet allura dik kienet pjuttost battuta fis-sens li min rah ghaddej haj kien qed jara vizjoni."*

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt</u>**

Permezz tal-artikolu 11 tal-Kap 248 (l-Att dwar l-Istampa) "*Ħlief kif provdut xort’oħra f’dan l-Att, kull min, b’xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jagħti malafama lil xi persuna, jista’, meta jinsab ħati, jeħel multa."*

Id-dritt tal-individwu ghar-reputazzjoni u unur tieghu tikkostitwixxi l-limitazzjoni li timponi l-Ligi tal-Istampa fuq il-liberta' tal-espressjoni. Il-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **“Vincent Borg vs Victor Camilleri et” -** (A.C. 15 ta’ Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.), esprimiet dan il-principju fis-sens li jenthieg li jinzamm bilanc bejn *“il-bzonn li s-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti*

*ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"*.

Tali taghlim gie perfezzjonat mill-Qorti tal-Appell li kienet qieghda tisma' l-kaz "***L-Avukat Dr. Louis Galea vs Joe Mifsud***," fejn, fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar 2012 ziedet tghid li "*gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat*."

**APPLIKAZZJONI GHALL-FATTI**

Qabel xejn il-Qorti tirrileva li din il-kawza giet ghall-konsiderazzjoni taghha kif attwalment komposta b'surroga datata 16 ta' Jannar 2013.

Fil-kaz odjern, l-intimat isostni li l-fatti attribwiti huma sostanzjalment veri u kienet l-imgieba ta' l-attur li offendiet l-unur u l-fama tieghu u mmenomat ir-reputazzjoni tieghu billi l-azzjonijiet tieghu jistghu jitqiesu illegali skont il-Kodici Kriminali.

Tajjeb li l-Qorti tislet mill-Artikolu li huwa l-mertu ta' dawn il-proceduri, dawk il-passaggi li huma rilevanti ghall-apprezzament tat-talbiet tal-attur. Dan l-artikolu, skont l-editur, kien *follow up* peress li gie ppubblikat posterjorment ghall-artikolu li deher fil-harga *Malta Independent on Sunday.*

L-Artikolu huwa intestat "*Commissioner holds fire on 'visionary sergeant" u* jirraporta li l-Kummissarju tal-Pulizija inghata parir biex ma jiehux passi dixxiplinari kontra PS 710 Joseph Mangion sakemm il-proceduri kriminali pendenti kontrih jinghalqu.

Skont l-artikolu "*PS Mangion was found guilty of perjury in the trial of former Police Commissioner Lawrence Pullicino and was described by the prosecution in 1993 as 'visionary'. But until now he is still serving as a sergeant at the Paola Police Station.*

*He is reported to have carried the corpse of Nardu Debono from the Police Headquarters. Mr. Debono was found dead in Wied ic-Cawsli Hal-Qormi on the 30th July 1980.*

*The criminal proceedings against PS Mangion ended last August and now the Police authorities are taking disciplinary action against him...."*

Minn dawn l-attribuzzjonijiet kollha, l-attur ihoss ruhu defamat biss bl-affermazzjoni fejn nstab "*hati"* ta' spergur. Fil-kawza konnessa xehed "*Jiena nghid li nhossni li gejt malafamat .. wara li qrajt l-artikolu kollu qieghed nimmarka l-frazi* "*found guilty of perjury." (fol. 55)*

Ikkonsidrat li l-attur irid jipprova illi huwa gie malafamat b'xi
agir tal-konvenut f'dan il-kaz il-pubblikazzjoni f'gurnal lokali dwar fatt allegat li nstab hati ta' spergur. *Stante* n-natura tal-posizzjoni tal-attur, li kien ufficjal pubbliku fil-Korp tal-Pulizija Ezekuttiva, u li ghalhekk ghandu jispira fiducja u onesta' fil-qadi ta' dmirijietu, allegazzjoni ta' htija ghar-reat ta' spergur normalment tista' taghti lok ghal dawn il-proceduri.

Izda l-kaz odjern m'huwiex daqshekk semplici. Kif jirrizulta mix-xhieda tal-intimat "*Dan il-kaz kien holoq certu 'skalpore' fil-pajjiz, niftakru bhal ma tiftakru l-maggor parti tal-popolazzjoni pero` tiftakar il-krudelta' ta' certi aspetti tal-kaz".* Irrizulta mill-provi esebiti li Mangion kien afferma diversi drabi bil-gurament, kemm fl-inkjesta Magisterjali kif ukoll waqt il-guri, li kien ra lill-istess Nardu Debono miexi fit-triq (fl-inhawi fejn sussegwentement instab il-gisem midrub ta' Debono) meta kien jirrizulta mill-provi prezentati fil-guri li dan kien gja mejjet. L-Onor. Mhallef Vincent

Degaetano kien spjega li kien ghalhekk li rrefera ghalih bhala "*vizjonarju"* (persuna li tara vizjonijiet).

L-uzu tal-kelma *vizjonarju* fil-kuntest tal-guri u applikata ghal Joseph Mangion gie ppruvat kif gie ppruvat li hu xehed li ra lill-vittma tat-tortura tal-Pulizija miexi fit-triq meta kien diga` mejjet.

Irrizulta li kien hemm xhieda li raw lill-attur igorr il-gisem midrub ta' Nardu Debono mejjet jew moribond, mill-kwartieri Generali.

Izda l-Qorti tistaghgeb kif dwar dawn l-akkuzi l-attur ma sab ebda malafama u sab li kellu jilmenta biss fuq l-attribuzzjoni li nstab "hati" ta' spergur.

Il-Qorti tqis li il-kliem lanjati ghandhom jigu meqjusa fil-kuntest pubbliku tal *cause celebre* dwar il-qtil ta' Nardu Debono kif ukoll fil-kuntest tal-kontenut tal-artikolu kollu.

Il-qtil ta' Nardu Debono kien episodju iswed fl-istorja recenti ta' pajjizna. Dan jaghti l-kuntest lill-artikolu in kwistjoni. Pajjiz li jhaddan il-libertajiet fondamentali tal-bniedem ma jistax jittollera t-tortura, vjolenza u intimidazzjoni istituzzjonali li sehh f'dan il-kaz tragiku, u bilfors jistmerru. Il-membri tal-Korp huma l-gwardjani tal-Ligi u l-abbuz tal-poter l-ikbar ghadu tad-demokrazija. Kien korrett l-intimat meta qal li dan holoq *skalpore* fil-pajjiz.

Dan il-guri sehh fil-pubbliku u dak li ntqal kien fid-dominju pubbliku u minghajr l-ebda dubju, kien ta' interess general ta' liema qies li  l-intimat qal li dan holoq *skalpore* fil-pajjiz.. Il-pubbliku in generali kien mgharraf sew bl-isfumaturi kollha li hargu mix-xhieda moghtija, inkluzi l-provi li kkontradew l-istqarrijiet bil-gurament li ghamel Joseph Mangion kemm fl-istadju tal-kumpilazzjoni, kif ukoll waqt il-guri, meta qal li ra lil Nardu Debono miexi f'dak il-lejl f'hin meta kien ga mejjet.

Qarrej ta' intelligenza ordinarja, huwa kapaci li jigbed l-konkluzjonijiet tieghu  specjalment dwar il-konflitt

skjaccanti bejn il-gurament mehud mill-attur u r-rapporti forensici dwar il-hin tal-mewt ta' Debono. L-attur stess ma jqajjem ebda oppozizzjoni dwar il-parti tal-artikolu li ssemmieh bhala "*visionary "* imma biss dwar l-impressjoni li l-artikolu jista' jaghti li kien gie akkuzat u misjub hati ta' *spergur* u li bhalissa ghaddejjin proceduri kriminali kontrih.

Kif gie deskritt mill-awturi Robertson QC u Nicol QC fil-ktieb "***Media Law***" *(*4th ed.) (pag.80) "*The 'defamatory test'*
*is variously described as lowering the claimaint in the estimation of right-thinking people generally*" u jsostnu li *"The law of libel can be activated only when a false statement actually damages a reputation. An assertion is not defamatory simply because it is untrue - it must lower the victim in the eyes of right thinking citizens."*

Il-Qorti ghandha tgharbel dak li '*right thinking citizens*' jifhmu minn qari tal-artikolu in kwistjoni u frankament ma tistax ssib li l-allegazzjoni li l-attur instab "*hati"* ta' spergur setghet b'xi mod thassar reputazzjoni ga dizonorata jew f'ghajnejn il-pubbliku.

Huwa minnu li l-intimati ma ressqu l-ebda prova tal-verita' tal-istqarrija li hu gie misjub hati ('*found guilty')* minn Qorti fuq akkuza tar-reat ta' spergur. Izda l-impatt ta' dan il-kliem fuq il-qarrej ordinarju ghandu jigu valutat fil-kuntest shih tal-artikolu kollu , specjalment b'riferenza ghal dak li mhux ikkontestat, u cioe` li l-attur xehed b'mod inveritier <u>bil-gurament</u>, u gie skreditat mill-prosekuzzjoni waqt il-guri dwar qtil ta' persuna li mietet minhabba t-tortura li soffriet waqt li kienet ikkustodita mill-Pulizija. Cittadin ordinarju kien jistenna mill-attur li jonora d-dmirijiet tal-uniformi tieghu billi jghid il-verita`, u l-verita` kollha.

L-attur ma jistax jippretendi konfort minn din il-kawza meta n-nuqqasijiet tieghu kienu gja wasslu sabiex jigi skreditat pubblikament. Il-qarrej ordinarju mhux ser ikun impressjonat bil-kliem "misjub hati" ('*found guilty')* meta minn qari tal-artikolu, u minn taghrif generali dwar ix-xhieda li nghatat f'proceduri mizmumin fil-pubbliku, jista' jiddesumi li l-attur ma xehedx b'mod veritier u dan mhux

darba, imma diversi drabi fil-kors tal-proceduri kriminali. Mhix sentenza ta' htija li f'dan il-kaz seta' jhassar ir-reputazzjoni tal-attur, imma dak li hareg mill-atti pubblici tal-guri fejn irrizulta li ra kadavru 'haj' miexi fit-triq. Dan abbinat max-xhieda li wkoll inghatat fil-guri, li kien hemm min ra lill-attur jghabbi il-gisem tal-vittma f'karrozza, johloq suspetti inkwetanti fic-cittadin ta' rieda tajba dwar ir-rwol li zvolga fl-istorja tragika ta' Nardu Debono, liema suspetti allura gja xejnu kwalsiasi reputazzjoni tajba li seta' kellu.

B'dan, il-Qorti mhix qed taghti lill-gurnalist il-licenzja li jghid li jrid minghajr ma jivverifika l-verita' tal-fatti rapportati. Gurnalist investigattiv ghandu d-dmir li jivverifika li qed jghid is-sewwa u jimxi skont l-etika tal-professjoni tieghu. Izda f'dan il-kaz, l-Qorti tqis li l-fatti kollha li hargu mill-guri, joffru l-kuntest ghall-kliem lanjati "*found guilty of perjury.* Ir-riferenza ghall-attur bhala *visionary* hija bbazata fuq fatt li jirrizulta ppruvat. Dan hu marbut intrinsikament max-xhieda inveritiera li ta bil-gurament. Qarrej ta' intelligenza normali, huwa kapaci li jasal ghall-konkluzjoni li l-attur ma qalx il-verita` meta xehed fil-proceduri kriminali u li kellu sehem fl-akkadut li ma jaghmilx unur ghall-uniformi li kien liebes. Il-frazi lanjata ma zzid xejn ma' din il-konkluzjoni. Ovvjament kull kaz jitqies skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu.

*"Fil-kawza* ***Galea v. Mifsud*** *fuq rapportat, Intqal a propozitu li: "meta Qorti tkun rinfaccjata b'gurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija ghandha taghti margini u l-attitudni mill-aktar wiesgha lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-ezami ta' jekk kumment ikunx wiehed fair o meno (ara ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et****, Qorti tal-Appell /6/2004); u wiehed jista' jmur oltre u jghid ukoll li meta si tratta ta' tali gurnalizmu investigattiv u responsabbli jista' jaghti l-kaz li jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` ghall-malafama anke jekk sussegwentement jirrizulta li xi fatt wiehed jew aktar li jkun gie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *[2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)).*

Il-Qorti ghalhekk ma tistax taccetta r-ragonamenti tal-attur, li fil-fehma tal-Qorti ma rnexxielux jipprova li gie defamat. L-artikolu kien sostanzjalment veru u fil-kuntest shih tal-kaz kif fuq spjegati l-Qorti tqis li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-intimat, **tichad** it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------